**28 ta' Mejju, 1987**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija (Spettur Angelo Baldacchino)

*versus*

Robert James

**Manteniment lill-Mara u lil Uliedu – Buona Fede – Żregolatezza**

*Meta jkun hemm kundanna ta' tribunal ċivili għall-manteniment it-tribunal penali ma għandux bżonn jindaga jekk l-imputat kienx ġustifikat jirrifjuta l-manteniment. Jekk wara dik il-kundanna jintervjenu ċirkostanzi ġodda, ir-raġel xorta waħda jibqa' obbligat għal dak il-manteniment sakemm ma jfittix li biex tiġi rrevokata jew immodifikata dik il-kundanna quddiem it-tribunal ċivili.*

*Fil-każ li ma hemmx dik il-kundanna tat-tribunal ċivili, it-tribunal penali għandu jara jekk ir-raġel irrifjutax li jmantni lil martu fil-kredenza in buona fede ta' xi motiv verosimilment plawsibbli; għax jekk huwa, għalkemm kellu l-mezzi, ikun irrifjuta jagħti l-manteniment lil martu għal xi raġuni li hu, in buona fede, seta' ħaseb li kienet tajba, allura jista' ma jkunx hemm żregolatezza.*

*F'dan il-każ il-Qorti rriteniet li ma kienx hemm żregolatezza biss fil-konfront tal-mara u mhux ukoll fil-konfront tal-minuri, anke jekk dawn ma kinux tiegħu.*

Il-Qorti: –

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat talli fid-9 ta' Jannar, 1986, u f'dawn l-aħħar tnax-il xahar bħala kap tal-familja, ħalla lil martu Pauline u lit-tfal tiegħu fil-bżonn minħabba ħajja bla qies jew nuqqas ta' kont għax-xogħol (Ċitazzjoni kif korretta b'digriet tas-26 ta' Ġunju, 1986);

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tal-11 ta' Novembru,

1986 li biha sabet lill-imputat ħati u wara li rat l-artikolu 352(x) tal-Kap. 12 ikkundannatu għal Lm25 ammenda u għamlitha ċara li mhux qiegħda tiġi inflitta l-piena tad-detenzjoni minħabba li mill-provi quddiemha kien jirriżulta li din kienet l-ewwel darba li l-imputat kien ħati ta' dan ir-reat;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputat li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata, issibu mhux ħati u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena skond il-liġi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet il-provi;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant avvanza argumenti u sottomissjonijiet differenti għall-każ kwantu jirrigwarda 'l martu minn dak li jirrigwardaw 'ill-minorenni;

Kwantu jirrigwarda l-waqfien mill-ħlas ta' alimenti lil martu l-appellant iċċita minn sentenza ta' din il-Qorti diversament ippresjeduta ta' l-14 ta' Novembru, 1974 *in re* "Il Pulizija *vs* Emanuel Camilleri" u ssottometta li minnha jidher li hu permess għar-raġel li jieqaf milli jħallas manteniment lil martu minħabba l-kondotta tagħha purchè huwa jipproċedi ġudizzjarjament biex jottjeni pronunzjament li martu ddekadiet mid-dritt ta' alimenti;

*Illi* l-appellant però qed *jagħti interpretazzjoni aktar vasta* u kategorika lis-sentenza li minnha ċċita għaliex fiha din il-Qorti ma kinitx qalet dak li qed isostni l-appellant imma *ben altro*. Infatti f'dik is-sentenza kien ġie deċiż li ma kienx qed isir ebda pronunzjament li r-raġel għandu dritt ma jmantnix lil martu *in vista* tal-kondotta tagħha kwantu jirrigwarda l-artikolu li taħtu saret l-akkuża. F'dak il-każ partikolari din il-Qorti kienet tat il-benefiċċju tad-dubju u użat il-kliem *"to stretch a point"* billi akkordat lill-akkużat li seta' aġixxa *in buona fede;*

Fil-fatt din ma kinitx xi *novità;* infatti preċedentement din l-istess Qorti, *per* W. Harding fis-16 ta' Mejju, 1953 *in re* "Il-Pulizija *vs* Patist Agius" kienet iddeċidiet li meta jkun hemm ġà kundanna tat-tribunal ċivili għall-manteniment it-tribunal penali ma għandux bżonn jindaga jekk l-imputat kienx ġustifikat jirrifjuta l-manteniment; jekk imbagħad, wara dik il-kundanna, intervenew ċirkostanzi ġodda, ir-raġel xorta waħda jibqa' obbligat għal dak il-manteniment, sakemm ma jfittixx biex tiġi rrevokata jew immodifikata dik il-kundanna quddiem it-tribunal ċivili. *Invece,* meta ma hemmx ġà dik il-kundanna tat-tribunal ċivili, allura t-tribunal penali għandu jara jekk ir-raġel irrifjutax li jmantni lil martu fil-kredenza *in buona fede* ta' xi motiv verosimilment plawsibbli; għax jekk huwa, avvolja kellu l-mezzi, ikun irrifjuta jagħti l-manteniment lil martu għal xi raġuni li hu, *in buona fede,* seta' ħaseb li kienet tajba, allura jista' ma jkunx hemm żregolatezza. U l-iżregolatezza hija eskluża, u kwindi anki r-reat, jekk il-Qorti ssib li r-raġel kien ġustifikat jaħseb li hu ma kienx tenut jagħti l-manteniment lil martu;

Din il-Qorti kif issa ppresjeduta taqbel ma' dawn il-pronunzjamenti u purchè s'intendi kull każ jiġi ttrattat skond il-*fattispeċji* tiegħu għax il-*buona fede* hu kunċett li hu

kkaratterizzat mill-persuna li tkun u għalhekk jiġi stabbilit soġġettivament;

Kwantu għall-każ preżenti l-manteniment dovut lil Pauline James ġie stabbilit permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, kopja ta' liema hu esebit. Fost id-diversi kawżali fih ikkontenuti hemm waħda li permezz tagħha l-kontrajenti ftiehem li d-dritt tal-manteniment ta' Pauline James biss jispiċċa f'każ li hi tibda tgħix fi stat ta' konkubinaġġ;

Illi mix-xiehda ta' l-imputat appellant jirriżulta li skond hu martu qed tiffrekwenta raġel ieħor li fil-fatt, dejjem skond hu, hu missier iż-żewġ minuri. L-appellant xehed ukoll li mid-data tas-separazzjoni (1982) sa din il-kawża martu qatt ma ppretendiet manteniment mingħandu u hu pproċeda għall-annullament taż-żwieġ kif ukoll biex jiġi ddikjarat li martu ddekadiet minn kull dritt ta' manteniment;

F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti hi propensa li takkordalu l-istess benefiċċju li jidher li ġie akkordat preċedentement u ċjoè li fil-każ tiegħu l-iżregolatezza ma tirriżultax suffiċjentement;

L-appellant ittenta wkoll jippretendi li hu meħlus mill-obbligu tas-somministrar ta' alimenti lill-minuri peress li dawn mhux tiegħu;

Illi però dak li ngħad fir-rigward ta' martu u l-*buona fede* ma jistax jiġi estiż ukoll fir-rigward tat-tfal anki jekk mhux tiegħu. Barra minn hekk jingħad li kwantu jirrigwarda t-tifla Antoinette din hu stess irrikonoxxieha billi illeġittimaha *per subsequens matrimonio* permezz ta' att notarili meta kien jaf li mhix tiegħu. Kwantu għat-tifel Kenneth ukoll kien jaf li mhux tiegħu għax

martu kienet ġà gravida bih meta sar jafha u mhux biss xorta żżewwġiha iżda anki obbliga ruħu permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni msemmi li jissomministralhom manteniment. Hawn qegħdin fil-kamp ta' l-ordni pubbliku u l-funzjonijiet ta' din il-*Qorti* ċertament *ma jinkludix l-obbligu* jew *l-interess li tagħmel* tajjeb għall-iżbalji li għamel f'ħajtu l-imputat. Il-fatt li għamel kawża biex jeħles mir-responsabbilità fir-rigward ta' dawn iż-żewġ minuri fiċ-ċirkostanzi ma jinteressax lil din il-Qorti;

Kwantu għall-provi *jirriżulta mix-xieħda ta' l-imputat stess* li għalkemm hu qed jaħdem mhux qed iħallas għaż-żamma ta' l-ulied imsemmija u dan jammonta għal żregolatezza;

Għal dawn ir-raġunijiet tiddisponi mill-appell billi tilqgħu biss in parti u ċjoè *billi tirriforma s-sentenza appellata* billi tilqa' l-appell in kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni riferribilment għall-mara u tirrevoka l-parti relattiva fis-sentenza appellata, u tilliberah minn din il-parti ta' l-imputazzjoni iżda tiċħad l-appell relattivament għad-dikjaratorja tal-ħtija ta' l-appellant dwar it-tfal li martu qed tikkustodixxi u konsegwentement tirriduċi l-ammenda nflitta minn Lm25 għal ħmistax-il lira Maltija (Lm15).